**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0255/2020**

11.12.2020

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn għall-finijiet tal-ETIAS u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1240, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2018/1861
(COM(2019)0004 – C8-0024/2019 – 2019/0002(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Jeroen Lenaers



*Magħquda fid-diversità*

PR_COD_1amCom

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

NOTA SPJEGATTIVA ....................................................................................................38

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ..............................................................40

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.......41

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn għall-finijiet tal-ETIAS u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1240, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2018/1861 (COM(2019)0004 – C8-0024/2019 – 2019/0002(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2019)0004),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 77(2)(a), (b) u (d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0024/2019),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0255/2020),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

   Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Titolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal | Proposta għal |
| REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL | REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL |

| | |
|---|---|
| li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn għall-finijiet tal-ETIAS u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1240, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (UE) 2017/2226 ***u r-Regolament*** (UE) 2018/1861 | li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn għall-finijiet tal-ETIAS u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1240, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (UE) 2017/2226***, ir-Regolament*** (UE) 2018/1861 ***u r-Regolament (UE) 2019/817*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Għal raġunijiet ta' effiċjenza u sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż, jenħtieġ li l-ETIAS, kif previst fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2018/1240, tuża mill-ġdid komponenti ta' hardware u ta' software żviluppati għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ ("EES") għall-iżvilupp tar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità. Dan ir-repożitorju użat għall-ħażna ta' data alfanumerika kemm tal-applikanti tal-ETIAS ***u*** ta' ċittadini ta' pajjiż terz irreġistrata fl-EES, jenħtieġ li jiġi żviluppat b'mod li jippermetti l-estensjoni tiegħu biex isir ir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità. ***Fl-istess spirtu, l-għodda li għandha tiġi stabbilita biex l-ETIAS tkun tista' tqabbel id-data tagħha ma' dik ta' kull sistema oħra kkonsultata permezz ta' domanda waħda mressqa għandha tiġi żviluppata b'mod li jippermetti l-evoluzzjoni tagħha biex issir il-Portal Ewropew tat-Tfittxija tal-ġejjieni.*** | (5) Għal raġunijiet ta' effiċjenza u sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż, jenħtieġ li l-ETIAS, kif previst fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2018/1240, tuża mill-ġdid komponenti ta' hardware u ta' software żviluppati għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ ("EES") għall-iżvilupp tar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità. Dan ir-repożitorju użat għall-ħażna ta' data alfanumerika ***dwar l-identità*** kemm tal-applikanti tal-ETIAS ***kif ukoll*** ta' ċittadini ta' pajjiż terz irreġistrata fl-EES, jenħtieġ li jiġi żviluppat b'mod li jippermetti l-estensjoni tiegħu biex isir ir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Il-Portal Ewropew tat-Tfittxija (ESP), stabbilit bir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], se jippermetti li d-data maħżuna fl-ETIAS titqabbel mad-data maħżuna f'kull sistema ta' informazzjoni oħra tal-UE permezz ta' konsultazzjoni unika.*** |
| | ___________________ |
| | ***[1a] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Bl-għan li jiġi żgurat il-ksib sħiħ tal-objettivi tal-ETIAS, kif ukoll biex jitkomplew l-objettivi tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ("SIS"), ***jeħtieġ*** li jiġu inklużi fl-ambitu tal-verifiki awtomatizzati ***f'kategorija*** ta' twissija ***ġdida introdotta*** mir-reviżjoni riċenti tas-SIS, jiġifieri l-allert ta' persuni soġġetti għal kontrolli ta' investigazzjoni. | (7) Bl-għan li jiġi żgurat il-ksib sħiħ tal-objettivi tal-ETIAS, kif ukoll biex jitkomplew l-objettivi tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ("SIS"), ***jeħtieġ*** li jiġu inklużi fl-ambitu tal-verifiki awtomatizzati ***f'kategoriji*** ta' twissija ***ġodda introdotti*** mir-reviżjoni riċenti tas-SIS, jiġifieri l-allert ta' persuni soġġetti għal kontrolli ta' investigazzjoni ***u l-allert ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn***. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) ***Il-kundizzjonijiet*** skont liema l-Unità Ċentrali tal-ETIAS u l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS jistgħu jikkonsultaw data maħżuna f'sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn għall-finijiet tal-ETIAS jenħtieġ li jiġu salvagwardjati permezz ta' regoli ċari u preċiżi rigward l-aċċess mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS u l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS għad-data maħżuna f'sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn, it-tip ta' domandi u kategoriji ta' data, li kollha kemm huma jenħtieġ li jkunu limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ għall-prestazzjoni tal-obbligi tagħhom. Bl-istess mod, id-data maħżuna fil-fajl tal-applikazzjoni tal-ETIAS jenħtieġ li tkun viżibbli biss għal dawk l-Istati Membri li qed joperaw is-sistemi ta' informazzjoni sottostanti f'konformità mal-modalitajiet tal-parteċipazzjoni tagħhom. Bħala eżempju, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża jikkostitwixxu dispożizzjonijiet li jibnu fuq id-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, li għalihom id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill[35] dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u s-Sistema ta' Informazzjoni tal-Viża huma rilevanti. | (10) ***Id-dritt ta' aċċess u l-kundizzjonijiet*** skont liema l-Unità Ċentrali tal-ETIAS u l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS jistgħu jikkonsultaw data maħżuna f'sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn għall-finijiet tal-ETIAS jenħtieġ li jiġu salvagwardjati permezz ta' regoli ċari u preċiżi rigward l-aċċess mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS u l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS għad-data maħżuna f'sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn, it-tip ta' domandi u kategoriji ta' data, li kollha kemm huma jenħtieġ li jkunu limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ għall-prestazzjoni tal-obbligi tagħhom. Bl-istess mod, id-data maħżuna fil-fajl tal-applikazzjoni tal-ETIAS jenħtieġ li tkun viżibbli biss għal dawk l-Istati Membri li qed joperaw is-sistemi ta' informazzjoni sottostanti f'konformità mal-modalitajiet tal-parteċipazzjoni tagħhom. Bħala eżempju, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża jikkostitwixxu dispożizzjonijiet li jibnu fuq id-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, li għalihom id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill[35] dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u s-Sistema ta' Informazzjoni tal-Viża huma rilevanti. |
| [35] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/365/UE tad-29 ta' Ġunju 2010 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 166, 1.7.2010, p. 17). Id-Deċiżjoni tal-Kunsill | [35] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/365/UE tad-29 ta' Ġunju 2010 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 166, 1.7.2010, p. 17). Id-Deċiżjoni tal-Kunsill |

| | |
|---|---|
| (UE) 2017/733 tal-25 ta' April 2017 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Kroazja, (ĠU L 108, 26.4.2017, p. 31). Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1908 tat-12 ta' Ottubru 2017 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li jirrigwardaw is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 269, 19.10.2017, p. 39-43). Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/934 tal-25 ta' Ġunju 2018 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li fadal tal-acquis ta' Schengen marbuta mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u fir-Rumanija (ĠU L 165, 2.7.2018, p. 37). | (UE) 2017/733 tal-25 ta' April 2017 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Kroazja, (ĠU L 108, 26.4.2017, p. 31). Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1908 tat-12 ta' Ottubru 2017 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li jirrigwardaw is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 269, 19.10.2017, p. 39-43). Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/934 tal-25 ta' Ġunju 2018 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li fadal tal-acquis ta' Schengen marbuta mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u fir-Rumanija (ĠU L 165, 2.7.2018, p. 37). |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt -1 (ġdid)**
Regolament (UE) 2018/1240
Premessa 24a (ġdida)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1) Tiżdied il-Premessa 24a ġdida:*** |
| | ***(24a) Sabiex it-tqabbil ta' data personali fl-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 2018/1240 mad-data preżenti f'rekord, fajl jew allert irreġistrati f'sistema ta' informazzjoni jew bażi tad-data tal-UE, fid-data tal-Europol jew fil-bażijiet tad-data tal-Interpol ikun preċiż u affidabbli, huwa essenzjali li jiġi żgurat li d-data użata fl-ETIAS u mfittxija permezz tagħha tkun preċiża, aġġornata u ta' kwalità għolja. F'konformità mal-obbligi tagħha skont ir-Regolament (UE) Nru 2019/817, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)*** |

***għandha rwol importanti fil-monitoraġġ tal-kwalità tad-data u fil-produzzjoni ta' rapporti regolari ta' analiżi tad-data sabiex l-Istat Membru ta' oriġini jkun jista' jivverifika d-data u jwettaq kwalunkwe azzjoni korrettiva meħtieġa. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa r-rapporti regolari dwar il-kwalità tad-data li tipprovdi l-eu-LISA skont ir-Regolament (UE) 2019/817 u jenħtieġ li tippreżenta rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri fejn xieraq.***

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 1**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***"(23)*** ***'***sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn***'*** tfisser Sistema ta' Dħul/Ħruġ ("EES"), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża ("VIS"), is-Sistema ta' informazzjoni ta' Schengen ("SIS") u s-Sistema ta' Informazzjoni tar-Rekord Kriminali Ewropew – Ċittadini ta' Pajjiż Terz ("ECRIS-TCN"). | ***"(28)*** ***"***sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn***"*** tfisser Sistema ta' Dħul/Ħruġ ("EES"), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża ("VIS"), is-Sistema ta' informazzjoni ta' Schengen ("SIS")***, il-Eurodac*** u s-Sistema ta' Informazzjoni tar-Rekord Kriminali Ewropew – Ċittadini ta' Pajjiż Terz ("ECRIS-TCN"). |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 2**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) ***tappoġġa*** l-objettivi tas-SIS relatati mal-allerti rigward ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal rifjut ta' dħul u ta' soġġorn, allerti dwar persuni mfittxija għall-arrest għal finijiet ta' konsenja jew għal finijiet ta' estradizzjoni, allerti dwar persuni nieqsa, | (e) ***tappoġġja*** l-objettivi tas-SIS relatati mal-allerti rigward ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal rifjut ta' dħul u ta' soġġorn, allerti dwar persuni mfittxija għall-arrest għal finijiet ta' konsenja jew għal finijiet ta' estradizzjoni, allerti dwar persuni nieqsa, |

| | |
|---|---|
| allerti dwar persuni mfittxija biex jgħinu fi proċedura ġudizzjarja ***u*** allerti dwar persuni għal verifiki diskreti jew verifiki speċifiċi; | allerti dwar persuni mfittxija biex jgħinu fi proċedura ġudizzjarja***,*** allerti dwar persuni għal verifiki diskreti jew verifiki speċifiċi ***u allerti dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn***; |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 3**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "B'mod partikolari, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tibni fuq il-komponenti tal-hardware u tas-software ***s-Sistema*** Ċentrali tal-EES sabiex jiġi stabbilit repożitorju komuni ta' informazzjoni għall-ħażna ta' data alfanumerika dwar l-identità kemm tal-applikanti tal-ETIAS kif ukoll taċ-ċittadini ta' pajjiż terz rreġistrati fl-EES. Id-data alfanumerika tal-applikanti tal-ETIAS maħżuna fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità għandha tagħmel parti mis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS. ***[***Dan ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità għandu jkun il-bażi għall-implimentazzjoni tar-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni ***dwar l-Identità.]*** | "B'mod partikolari, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tibni fuq il-komponenti tal-hardware u tas-software ***tas-Sistema*** Ċentrali tal-EES sabiex jiġi stabbilit repożitorju komuni ta' informazzjoni għall-ħażna ta' data alfanumerika dwar l-identità kemm tal-applikanti tal-ETIAS kif ukoll taċ-ċittadini ta' pajjiż terz rreġistrati fl-EES. Id-data alfanumerika ***dwar l-identità*** tal-applikanti tal-ETIAS maħżuna fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità għandha tagħmel parti mis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS. Dan ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità għandu jkun il-bażi għall-implimentazzjoni tar-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni ***stabbilit mill-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/817***. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 3**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan huwa mingħajr ħsara għaż-żamma tad-data tal-EES u tal-ETIAS loġikament separati u soġġetti għal aċċess kif iddefinit | Dan huwa mingħajr ħsara għaż-żamma tad-data tal-EES u tal-ETIAS loġikament separati u soġġetti għal aċċess kif iddefinit |

| | |
|---|---|
| fir-regolamenti li jistabbilixxu s-sistemi ta' informazzjoni rispettivi.; | fir-regolamenti li jistabbilixxu s-sistemi ta' informazzjoni rispettivi ***f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2019/817."***; |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 3a (ġdid)**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) fl-Artikolu 7, jiżdied il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***"3a. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tipprovdi rapporti perjodiċi lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA rigward hits foloz iġġenerati matul l-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu 20(2). L-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tfittex il-kooperazzjoni u l-informazzjoni mill-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS f'dak ir-rigward.";*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 4**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-interoperabbiltà għandha toqgħod fuq ***il-Portal Ewropew tat-Tfittxija ("ESP"), stabbilit mill-Artikolu 6*** tar-Regolament (UE) ***2018/XXX (interoperabbiltà). Matul perjodu tranżizzjonali, qabel ma l-ESP ikun disponibbli, l-ipproċessar*** awtomatizzat ***għandu jiddependi fuq strument żviluppat mill-eu-LISA għall-fini ta' dan il-paragrafu. Din l-għodda għandha tintuża bħala l-bażi għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni tal-*** | L-interoperabbiltà għandha toqgħod fuq ***l-"ESP" mid-data li fiha jibda jopera, kif iddefinit fl-Artikolu 72(1a)*** tar-Regolament (UE) ***2019/817, għall-finijiet tal-ipproċessar*** awtomatizzat ***imsemmi fl-Artikolu 20, l-Artikolu 23, il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 24(6), l-Artikolu 41 u l-punt (b) tal-Artikolu 54(1)*** ta' dan ir-Regolament. |

***ESP, f'konformità mal-Artikolu 52*** ta' dan ir-Regolament***]***.

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 4**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 11 – paragrafu 4 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Għall-fini tal-proċediment għall-verifiki msemmija ***fl-Artikolu 20(2)(c)***, (m)(ii) u (***o***), u l-Artikolu ***23(1)***, l-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu 11(1), għandu jippermetti lis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS biex tikkonsulta s-SIS stabbilita ***bir-Regolament (UE) 2018/1860*** (verifiki fil-fruntieri) bid-data li ġejja tal-Artikoli minn 17(2)(a) sa (d) u l-Artikolu 17(2)(k): | 4. Għall-fini tal-proċediment għall-verifiki msemmija ***fil-punti (c)***, (m)(ii) u (***na***) ***tal-Artikolu 20(2)***, u l-Artikolu ***23***, l-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu 11(1), għandu jippermetti lis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS biex tikkonsulta s-SIS stabbilita ***bir-Regolamenti (UE) 2018/1861***[1a] (verifiki fil-fruntieri) ***u (UE) 2018/1860***[1b] ***(ritorni) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** bid-data li ġejja tal-Artikoli minn 17(2)(a) sa (d) u l-Artikolu 17(2)(k):<br>__________________<br>[1a] ***Ir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14).***<br>[1b] ***Ir-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1).*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 4**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 11 – paragrafu 6 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 6. Għall-fini ta' proċediment għall-verifiki msemmija fl-Artikolu 20(2)(n), l-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu 11(1) għandu jippermetti li s-Sistema Ċentrali tal-ETIAS tikkonsulta d-data ECRIS-TCN ***[***fir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità***]*** stabbilit mir-***[***Regolament (UE) ***2018/XXX]***, bid-data li ġejja tal-Artikolu minn 17(2)(a) sa (d): | 6. Għall-fini ta' proċediment għall-verifiki msemmija fl-Artikolu 20(2)(n), l-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu 11(1) għandu jippermetti li s-Sistema Ċentrali tal-ETIAS tikkonsulta d-data ECRIS-TCN fir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità stabbilit mir-Regolament (UE) ***2019/818****, bid-data li ġejja tal-Artikolu minn 17(2)(a) sa (d):<br>__________________<br>**** Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 4**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 11 – paragrafu 6 – punt ea (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ea) il-pajjiż tat-twelid;*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 4**

Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 11 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Fejn hits jiġu identifikati, ***l-għodda msemmija fl-Artikolu 11, għandha tagħmel temporanjament disponibbli r-riżultati*** fil-fajl tal-applikazzjoni tal-Unità Ċentrali tal-ETIAS, sat-tmiem tal-proċess manwali skont l-Artikolu 22(2) u l-Artikolu 23(2). Meta d-data li titqiegħed għad-dispożizzjoni tikkorrispondi ma' dik tal-applikant jew fejn ikun fadal id-dubji, il-kodiċi uniku tal-ID tad-data li jkun attiva hit għandu jinżamm fil-fajl ta' applikazzjoni. | 8. Fejn hits jiġu identifikati, ***l-ESP għandu jipprovdi aċċess temporanju, f'format li jinqara biss, għar-riżultati tal-ipproċessar awtomatizzat*** fil-fajl tal-applikazzjoni tal-Unità Ċentrali tal-ETIAS, sat-tmiem tal-proċess manwali skont l-Artikolu 22(2) u l-Artikolu 23(2). Meta d-data li titqiegħed għad-dispożizzjoni tikkorrispondi ma' dik tal-applikant jew fejn ikun fadal id-dubji, il-kodiċi uniku tal-ID tad-data li jkun attiva hit għandu jinżamm fil-fajl ta' applikazzjoni. |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 4**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 11 – paragrafu 9

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Hit tinħoloq meta d-data kollha jew xi data mill-fajl tal-applikazzjoni tal-ETIAS użat għal konsultazzjoni tkun tikkorrispondi b'mod sħiħ jew parzjali għad-data preżenti f'rekord, allert jew fajl tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn ikkonsultati. Il-Kummissjoni għandha***, permezz ta' att ta' implimentazzjoni,*** tiddefinixxi korrispondenza parzjali, inkluż grad ta' probabbiltà. | 9. Hit tinħoloq meta d-data kollha jew xi data mill-fajl tal-applikazzjoni tal-ETIAS użat għal konsultazzjoni tkun tikkorrispondi b'mod sħiħ jew parzjali għad-data preżenti f'rekord, allert jew fajl tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn ikkonsultati. Il-Kummissjoni għandha ***tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 89 sabiex*** tiddefinixxi korrispondenza parzjali, inkluż grad ta' probabbiltà ***biex jiġi limitat l-għadd ta' hits foloz***. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 5**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 11a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet tal-Artikoli 6, 14 ***u 17*** tar-Regolament (UE) 2017/2226, proċess awtomatizzat, bl-użu tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni sikura tal-Artikolu ***6(2)(d)*** ta' dan ir-Regolament, għandu jikkonsulta u jimporta mis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 47 (2) ta' dan ir-Regolament, kif ukoll in-numru tal-applikazzjoni u t-tmiem tal-perjodu ta' validità ta' awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tal-ETIAS, u jaġġorna r-rekord ta' dħul/ħruġ fl-EES skont dan."; | Għall-finijiet tal-Artikoli 6, 14***, 17 u 18*** tar-Regolament (UE) 2017/2226, proċess awtomatizzat, bl-użu tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni sikura ***tal-punt (d)*** tal-Artikolu ***6(2)*** ta' dan ir-Regolament, għandu jikkonsulta u jimporta mis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 47(2) ta' dan ir-Regolament, kif ukoll in-numru tal-applikazzjoni u t-tmiem tal-perjodu ta' validità ta' awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tal-ETIAS, u jaġġorna r-rekord ta' dħul/ħruġ ***jew ir-rekord tar-rifjut ta' dħul*** fl-EES skont dan."; |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 6**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 12 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "2. ***Għall-fini*** tal-paragrafu 1**,** ftehim ta' kooperazzjoni ***għandu jiġi miftiehem bejn l-Unjoni Ewropea u l-EUROPOL. Dan il-ftehim ta' kooperazzjoni għandu jipprevedi l-modalitajiet għall-iskambju ta' informazzjoni u ta' salvagwardji għall-protezzjoni tad-data personali***."; | "2. ***Jekk l-implimentazzjoni*** tal-paragrafu 1 ***permezz ta'*** ftehim ta' kooperazzjoni ***ma tiġix żgurata, l-ETIAS ma għandhiex twettaq tfittxijiet fil-bażijiet tad-data tal-Interpol***."; |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 6a (ġdid)**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) fl-Artikolu 20(2), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |

| | |
|---|---|
| 2. Is-Sistema Ċentrali ETIAS għandha tvara tfittxija billi tuża l-ESP biex tqabbel id-data relevanti msemmija fil-punti (a), (aa), (b), (c), (d), (f), (g), (j), (k) u (m) tal-Artikolu 17(2) u fl-Artikolu 17(8) mad-data preżenti f'rekord, fajl jew allert reġistrati f'fajl tal-applikazzjoni maħżun fis-Sistema Ċentrali ETIAS, fis-SIS, fl-EES, fil-VIS, fl-Eurodac, fid-data tal-Europol u fil-bażijiet tad-data SLTD u TDAWN tal-Interpol."; | "2. Is-Sistema Ċentrali ETIAS għandha tvara tfittxija billi tuża l-ESP biex tqabbel id-data relevanti msemmija fil-punti (a), (aa), (b), (c), (d), (f), (g), (j), (k) u (m) tal-Artikolu 17(2) u fl-Artikolu 17(8) mad-data preżenti f'rekord, fajl jew allert reġistrati f'fajl tal-applikazzjoni maħżun fis-Sistema Ċentrali ETIAS, fis-SIS, fl-EES, fil-VIS, fl-Eurodac, ***fl-ECRIS-TCN,*** fid-data tal-Europol u fil-bażijiet tad-data SLTD u TDAWN tal-Interpol."; |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 7**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt n

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (n) jekk l-applikant jikkorrispondix għall-persuna li d-data tagħha hija rreġistrata fl-ECRIS TCN rigward reati terroristiċi ***u reati*** kriminali ***serji oħrajn***; | (n) jekk l-applikant jikkorrispondix għall-persuna li d-data tagħha hija rreġistrata fl-ECRIS TCN rigward ***kundanna f'dawn l-aħħar 20 sena għal*** reati terroristiċi ***jew kundanna f'dawn l-aħħar 10 snin għal kwalunkwe reat*** kriminali ***serju ieħor kif elenkat fl-Anness tar-Regolament (UE) 2018/1240, fejn dawk ir-reati kriminali jiġu kkastigati skont il-liġi nazzjonali b'piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin***; |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 7a (ġdid)**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt na (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) fl-Artikolu 20(2), jiżdied il-punt li ġej:*** |

|  |  |
|---|---|
|  | ***"(na) jekk l-applikant huwiex soġġett għal allert dwar ritorn imdaħħal fis-SIS".*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 9 - punt aa (ġdid)**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
|  | ***(aa) jiżdied il-punt li ġej:*** |
|  | ***"(ca) allert ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn";*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 9 – punt b**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 23 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "2. Meta t-tqabbil imsemmi fil-paragrafu 1 jirrapporta hit wieħed jew diversi, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tibgħat notifika awtomatika lill-Unità Ċentrali tal-ETIAS. Meta notifikata, l-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandu jkollha aċċess għall-fajl tal-applikazzjoni u kwalunkwe fajl tal-applikazzjoni konness, sabiex tivverifika jekk id-data personali tikkorrispondix mad-data personali inkluża fl-allert li tkun ħolqot dik il-hit u jekk tiġi kkonfermata korrispondenza, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tibgħat notifika awtomatika lill-BUREAU SIRENE tal-Istat Membru li daħħal l-allert. Il-Bureau SIRENE kkonċernat għandu jkompli jivverifika jekk id-data personali tikkorrispondix mad-data personali inkluża fl-allert li tkun ħolqot il-hit u jieħu kwalunkwe azzjoni ta' segwitu xierqa."; | "2. Meta t-tqabbil imsemmi fil-paragrafu 1 jirrapporta hit wieħed jew diversi, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tibgħat notifika awtomatika lill-Unità Ċentrali tal-ETIAS. Meta notifikata, l-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandu jkollha aċċess ***temporanju*** għall-fajl tal-applikazzjoni u kwalunkwe fajl tal-applikazzjoni konness, sabiex tivverifika jekk id-data personali tikkorrispondix mad-data personali inkluża fl-allert li tkun ħolqot dik il-hit u jekk tiġi kkonfermata korrispondenza, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tibgħat notifika awtomatika lill-BUREAU SIRENE tal-Istat Membru li daħħal l-allert. Il-Bureau SIRENE kkonċernat għandu jkompli jivverifika jekk id-data personali tikkorrispondix mad-data personali inkluża fl-allert li tkun ħolqot il-hit u jieħu |

| | |
|---|---|
| | kwalunkwe azzjoni ta' segwitu xierqa."; |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 10**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 25a – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/1860 (ritorni);*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 10**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 25a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***L-Unitajiet*** Nazzjonali tal-ETIAS għandu wkoll ***ikollhom*** aċċess għar-reġistri tar-rekords kriminali nazzjonali sabiex ***jiksbu*** l-informazzjoni dwar ***persuni*** ta' ***pajjiż terz*** u persuni apolidi kkundannati għal reat terroristiku jew reat ***serju*** ieħor għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1. | 2. ***Dment li hit tirriżulta minn verifika skont il-punt (n) tal-Artikolu 20(2), il-persunal debitament awtorizzat tal-Unitajiet*** Nazzjonali tal-ETIAS għandu ***jkollu*** wkoll aċċess***, f'konformità mal-liġi nazzjonali,*** għar-reġistri tar-rekords kriminali nazzjonali ***tal-Istati Membri rispettivi tagħhom*** sabiex ***jikseb*** l-informazzjoni dwar ***ċittadini*** ta' ***pajjiżi terzi*** u persuni apolidi kkundannati għal reat terroristiku jew ***kwalunkwe*** reat ***kriminali*** ieħor ***kif elenkat fl-Anness ta' dan ir-Regolament*** għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 11a (ġdid)**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 26 – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11a) fl-Artikolu 26, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***"3a. Fil-każ ta' hits fuq ir-Ritorn tas-SIS, l-Unità nazzjonali tal-ETIAS tal-Istat Membru li tkun qed tipproċessa l-applikazzjoni għandha:*** |
| | ***(a) meta d-deċiżjoni ta' ritorn tkun akkumpanjata minn projbizzjoni fuq id-dħul, tinforma immedjatament lill-Istat Membru emittenti permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari. L-Istat Membru emittenti għandu immedjatament iħassar l-allert dwar ritorn u jdaħħal allert għal rifjut ta' dħul u ta' soġġorn skont il-punt (b) tal-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) 2018/1861*** |
| | ***(b) meta d-deċiżjoni ta' ritorn ma tkunx akkumpanjata minn projbizzjoni fuq id-dħul, tinforma immedjatament lill-Istat Membru emittenti permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari, sabiex l-Istat Membru emittenti jħassar l-allert dwar ir-ritorn mingħajr dewmien.";*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 11b (ġdid)**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 38 – paragrafu 2 – punt c

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11b) fl-Artikolu 38(2), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| "(c) dikjarazzjoni tar-raġunijiet għar-rifjut tal-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar li tindika r-raġunijiet applikabbli minn dawk elenkati fl-Artikolu 37(1) u (2) li jippermettu lill-applikant iressaq appell; | "(c) dikjarazzjoni tar-raġunijiet għar-rifjut tal-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar li tindika r-raġunijiet applikabbli minn dawk elenkati fl-Artikolu 37(1) u (2)***, inkluża informazzjoni dwar liema sistema jew sistemi ta' informazzjoni ġġeneraw hit jew hits li wasslu għar-rifjut tal-applikazzjoni,*** li jippermettu lill-applikant iressaq appell. |

| | |
|---|---|
| | ***Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe limitazzjoni għad-dritt għall-informazzjoni kif stabbilit skont id-dritt tal-Unjoni."*;** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 12a (ġdid)**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 46 – paragrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) L-Artikolu 46 huwa emendat kif ġej:*** |
| | ***(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 1. Jekk ikun teknikament impossibbli li wieħed jipproċedi bil-konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 45(1), minħabba ħsara fi kwalunkwe parti mis-Sistema ta' Informazzjoni tal-ETIAS, it-trasportaturi għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jivverifikaw il-pussess ta' awtorizzazzjoni valida għall-ivvjaġġar. Meta tali ħsara tiġi identifikata mill-eu-LISA, l-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tinnotifika lit-trasportaturi. Hija għandha tinnotifika wkoll lit-trasportaturi meta l-ħsara tiġi rimedjata. Meta tali ħsara tiġi identifikata mit-trasportaturi, huma ***jistgħu*** jinnotifikaw lill-Unità Ċentrali tal-ETIAS. | *"*1. Jekk ikun teknikament impossibbli li wieħed jipproċedi bil-konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 45(1), minħabba ħsara fi kwalunkwe parti mis-Sistema ta' Informazzjoni tal-ETIAS, it-trasportaturi għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jivverifikaw il-pussess ta' awtorizzazzjoni valida għall-ivvjaġġar. Meta tali ħsara tiġi identifikata mill-eu-LISA, l-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tinnotifika lit-trasportaturi. Hija għandha tinnotifika wkoll lit-trasportaturi meta l-ħsara tiġi rimedjata. Meta tali ħsara tiġi identifikata mit-trasportaturi, huma ***għandhom*** jinnotifikaw lill-Unità Ċentrali tal-ETIAS.*"*; |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 12b (ġdid)**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 46 – paragrafu 4a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | (b) jiżdied il-paragrafu li ġej: |

| | |
|---|---|
| | ***"4a. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tipprovdi appoġġ operazzjonali lit-trasportaturi b'rabta mal-paragrafu 1 u 3 ta' dan l-Artikolu. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tistabbilixxi proċeduri biex dan l-appoġġ jingħata fi Proċeduri Operazzjonali Standard. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tispeċifika n-natura u l-estent tal-appoġġ li għandu jingħata u l-mezzi biex jingħata dan l-appoġġ.";*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 13 – punt a**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 88 – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "(a) l-emendi meħtieġa għall-atti legali li jistabbilixxu s-sistemi ta' informazzjoni tal-UE msemmija fl-Artikolu 11 li bihom l-interoperabbiltà, skont it-tifsira tal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament, għandha tiġi stabbilita bid-dħul fis-seħħ tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-ETIAS, bl-eċċezzjoni tar-riformulazzjoni ***tal-Eurodac***;" | "(a) l-emendi meħtieġa għall-atti legali li jistabbilixxu s-sistemi ta' informazzjoni tal-UE msemmija fl-Artikolu 11 li bihom l-interoperabbiltà, skont it-tifsira tal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament, għandha tiġi stabbilita bid-dħul fis-seħħ tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-ETIAS, bl-eċċezzjoni tar-riformulazzjoni ***tar-Regolament (UE) Nru 603/2013 (Eurodac)***;" |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 13 – punt c**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 88 – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-interoperabbiltà, imsemmija fl-Artikolu 11, mal-ECRIS-TCN għandha tibda meta ***[is-CIR]*** jibda jopera***, li huwa skedat għall-2022. L-operazzjonijiet tal-ETIAS għandhom jibdew irrispettivament minn jekk tiddaħħalx fis-seħħ l-*** | 6. L-interoperabbiltà, imsemmija fl-Artikolu 11, mal-ECRIS-TCN għandha tibda meta ***s-CIR*** jibda jopera. |

***interoperabbiltà mal-ECRIS-TCN.***

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 13 – punt c**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 88 – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-ETIAS għandha tibda l-operazzjonijiet tagħha ***irrispettivament minn jekk ġiex konkluż ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-INTERPOL kif imsemmi fl-Artikolu 12(2) u*** irrispettivament minn jekk huwiex possibbli li jiġu kkonsultati l-bażijiet tad-data tal-Interpol.". | 7. L-ETIAS għandha tibda l-operazzjonijiet tagħha irrispettivament minn jekk huwiex possibbli li jiġu kkonsultati l-bażijiet tad-data tal-Interpol.". |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 13a – punt a (ġdid)**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 89 – paragrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) L-Artikolu 89 huwa emendat kif ġej:*** |
| | ***(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 2. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(4), l-Artikolu 17(3), (5) u (6), l-Artikoli 18(4), 27(3), l-Artikolu 31, l-Artikoli 33(2), 36(4), 39(2), 54(2), l-Artikolu 83(1) u (3) u l-Artikolu 85(3) għal perijodu ta' ħames snin mid-9 ta' Ottubru 2018. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi | "2. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(4), ***l-Artikolu 11(9),*** l-Artikolu 17(3), (5) u (6), l-Artikoli 18(4), 27(3), l-Artikolu 31, l-Artikoli 33(2), 36(4), 39(2), 54(2), l-Artikolu 83(1) u (3) u l-Artikolu 85(3) għal perijodu ta' ħames snin mid-9 ta' Ottubru 2018. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa |

| | |
|---|---|
| estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu. | għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***";*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 13a – punt b (ġdid)**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 89 – paragrafu 3

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 6(4), l-Artikolu 17(3), (5) u (6), l-Artikoli 18(4), 27(3), l-Artikolu 31, l-Artikoli 33(2), 36(4), 39(2), 54(2), l-Artikolu 83(1) u (3) u l-Artikolu 85(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ. | ***"***3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 6(4), ***l-Artikolu 11(9),*** l-Artikolu 17(3), (5) u (6), l-Artikoli 18(4), 27(3), l-Artikolu 31, l-Artikoli 33(2), 36(4), 39(2), 54(2), l-Artikolu 83(1) u (3) u l-Artikolu 85(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.***";*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 13a – punt c (ġdid)**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 89 – paragrafu 6

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 6. Att delegat adottat skont l- | ***"6.*** Att delegat adottat skont l- |

| | |
|---|---|
| Artikolu 6(4), l-Artikolu 17(3), (5) u (6), l-Artikoli 18(4), 27(3), l-Artikolu 31, l-Artikoli 33(2), 36(4), 39(2), 54(2), l-Artikolu 83(1) jew (3) jew l-Artikolu 85(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. | Artikolu 6(4), ***l-Artikolu 11(9),*** l-Artikolu 17(3), (5) u (6), l-Artikoli 18(4), 27(3), l-Artikolu 31, l-Artikoli 33(2), 36(4), 39(2), 54(2), l-Artikolu 83(1) jew (3) jew l-Artikolu 85(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.***";*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 13b (ġdid)**
Regolament (UE) 2018/1240
Artikolu 92 – paragrafu 5 – punt -a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13b) fl-Artikolu 92(5), jiddaħħal il-punt li ġej:***<br>***"(-a) il-konsultazzjoni fl-ECRIS-TCN permezz tal-ETIAS;";*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1**
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 6 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "2. L-aċċess għall-VIS sabiex tiġi kkonsultata d-data għandu jiġi riżervat esklussivament għal persunal awtorizzat kif xieraq tal-awtoritajiet ta' kull Stat Membru, inkluż għal persunal awtorizzat kif xieraq ***mill-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS***, maħtur skont l-Artikolu 8 tar- | "2. L-aċċess għall-VIS sabiex tiġi kkonsultata d-data għandu jiġi riżervat esklussivament għal persunal awtorizzat kif xieraq ***mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS u mill-persunal debitament awtorizzat*** tal-awtoritajiet ta' kull Stat Membru, inkluż għal persunal awtorizzat kif xieraq, maħtur |

| | |
|---|---|
| Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, li huma kompetenti għall-finijiet stabbiliti ***fl-Artikoli*** minn 15 sa 22, u għal persunal debitament awtorizzat ***tal-awtoritajeit*** nazzjonali ta' kull Stat ***Membruu tal-korpi tal-UE*** li huma kompetenti għall-finijiet stabbiliti fl-***[***Artikolu 20 u l-Artikolu 21 tar-Regolament ***2018/xx*** dwar l-interoperabbiltà***]*** limitat sal-punt li d-data hija meħtieġa għall-prestazzjoni tal-kompiti tagħhom f'konformità ma' ***dawn*** il-finijiet, u proporzjonata mal-objettivi segwiti. | skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, li huma kompetenti għall-finijiet stabbiliti ***fl-Artikolu 6a u 6b, l-Artikoli*** minn 15 sa 22 ***u l-Artikolu 22g***, u għal persunal debitament awtorizzat ***tal-awtoritajiet*** nazzjonali ta' kull Stat ***Membru u tal-aġenziji tal-Unjoni*** li huma kompetenti għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 20 u l-Artikolu 21 tar-Regolament ***(UE) 2019/817*** dwar l-interoperabbiltà limitat sal-punt li d-data hija meħtieġa għall-prestazzjoni tal-kompiti tagħhom f'konformità ma' ***dawnk*** il-finijiet, u proporzjonata mal-objettivi segwiti. |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 18b – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Mill-bidu tal-operazzjonijiet tal-ETIAS, kif previst fl-Artikolu 88(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-"CS-VIS" għandha tiġi konnessa ***mal-istrument imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1240*** biex tippermetti l-ipproċessar awtomatizzat imsemmi f'dak l-Artikolu. | 1. Mill-bidu tal-operazzjonijiet tal-ETIAS, kif previst fl-Artikolu 88(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-"CS-VIS" għandha tiġi konnessa ***mal-ESP*** biex tippermetti l-ipproċessar awtomatizzat imsemmi f'dak l-Artikolu. |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 18b – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-fini tal-proċediment għall-verifiki tal-punt (i) tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAs għandha tuża ***l-*** | Għall-fini tal-proċediment għall-verifiki tal-punt (i) tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tuża ***l-ESP*** |

***istrument imsemmi fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament*** biex tqabbel id-data fl-ETIAS mad-data fil-VIS, skont l-Artikolu 11(8) ta' dak ir-Regolament, bl-użu tal-korrispondenzi elenkati fit-tabella ***fl-anness*** II.

biex tqabbel id-data fl-ETIAS mad-data fil-VIS, skont l-Artikolu 11(8) ta' dak ir-Regolament, bl-użu tal-korrispondenzi elenkati fit-tabella ***fl-Anness*** II.

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 18c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS, stabbilita fi ħdan l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/1240, għandu jkollha, għall-fini tat-twettiq ***tal-kompitit*** tagħha mogħtija lilha mir-Regolament (UE) 2018/1240, id-dritt li taċċessa u tfittex data rilevanti fil-VIS skont l-Artikolu 11(8) ta' dak ir-Regolament. | 1. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS, stabbilita fi ħdan l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/1240, għandu jkollha, għall-fini tat-twettiq ***tal-kompiti*** tagħha mogħtija lilha mir-Regolament (UE) 2018/1240, id-dritt li taċċessa u tfittex data rilevanti fil-VIS skont l-Artikolu 11(8) ta' dak ir-Regolament. |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 18c – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta verifika mill-Unita Ċentrali ***tal-ETIAs*** tikkonferma l-korrispondenza bejn data rreġistrata fil-fajl tal-applikazzjoni tal-ETIAS u data ***fl-EES*** jew meta jibqgħu dubji, ***il-proċedura*** stabbilita fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2018/1240 ***tapplika, mingħajr ħsara għall-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2018/1240***. | 2. Meta verifika mill-Unità Ċentrali ***tal-ETIAS, skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2018/1240,*** tikkonferma l-korrispondenza bejn data rreġistrata fil-fajl tal-applikazzjoni tal-ETIAS u data ***fil-VIS*** jew meta jibqgħu dubji, ***tapplika l-proċedura*** stabbilita fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2018/1240. |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 18d – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Konsultazzjoni tal-VIS mill-Unitajiet Nazzjonali ***tal-ETIAs*** għandha ssir bl-użu tal-istess data alfanumerika bħal dik użata għall-ipproċessar awtomatiku msemmi fl-Artikolu 18b(2). | 1. Konsultazzjoni tal-VIS mill-Unitajiet Nazzjonali ***tal-ETIAS, kif imsemmi fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240,*** għandha ssir bl-użu tal-istess data alfanumerika bħal dik użata għall-ipproċessar awtomatiku msemmi fl-Artikolu 18b(2) ***ta' dan ir-Regolament***. |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 18d – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS***, innominati skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240,*** għandu jkollhom aċċess għall-VIS ***u għandhom ikunu jistgħu*** jikkonsultawh, f'format li jinqara biss, għall-fini li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar skont l-Artikolu 8(2) ta' dak ir-Regolament. L-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS jistgħu jikkonsultaw id-data msemmija fl-Artikoli minn 9 sa 14 ta' dan ir-Regolament. | 2. L-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS għandu jkollhom aċċess ***temporanju*** għall-VIS ***biex*** jikkonsultawh, f'format li jinqara biss, għall-fini li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar skont l-Artikolu 8(2) ta' dak ir-Regolament. L-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS jistgħu jikkonsultaw id-data msemmija fl-Artikoli minn 9 sa 14 ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 34a – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Iż-żamma ta' reġistrazzjonijiet | Iż-żamma ta' reġistrazzjonijiet ***għall-fini tal-interoperabbiltà mal-ETIAS*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (UE) 2019/816
Anness II – Tabella – ringiela 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | |
|---|---|
| Data tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament 2018/1240 mibgħuta mis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS | Id-data li tikkorrispondi mal-VIS tal-Artikolu 9(4) ta' dan ir-Regolament li d-data ***tal-ETIAS jenħtieġ li***tiġi verifikata magħha |

*Emenda*

| | |
|---|---|
| Data tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament 2018/1240 mibgħuta mis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS | Id-data li tikkorrispondi mal-VIS tal-Artikolu 9(4) ta' dan ir-Regolament li d-data ***fl-ETIAS għandha*** tiġi verifikata magħha |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (UE) 2017/2226
Artikolu 8a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proċess awtomatizzat, bl-użu ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni tal-Artikolu 6(2)(d) tar-Regolament (UE) 2018/1240, għandu jippermetti lill-EES toħloq jew taġġorna r-rekord tad-dħul/ħruġ jew ir-rifjut tar-rekord tad-dħul ta' ċittadin ta' pajjiż terz eżentat mill-ħtieġa ta' viża fl-EES skont l-Artikoli 14 ***u*** 17 ta' dan ir-Regolament. | Proċess awtomatizzat, bl-użu ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni tal-Artikolu 6(2)(d) tar-Regolament (UE) 2018/1240, għandu jippermetti lill-EES toħloq jew taġġorna r-rekord tad-dħul/ħruġ jew ir-rifjut tar-rekord tad-dħul ta' ċittadin ta' pajjiż terz eżentat mill-ħtieġa ta' viża fl-EES skont l-Artikoli 14***,*** 17 ***u 18*** ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (UE) 2017/2226
Artikolu 8a – paragrafu 2 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta rekord ta' dħul/ħruġ ta' ċittadin ta' pajjiż terz eżentat mill-ħtieġa ta' viża ***jinħoloq***, il-proċess awtomatizzat għandu jippermetti lis-Sistema Ċentrali tal-EES dan li ġej: | Meta ***jinħoloq*** rekord ta' dħul/ħruġ ***jew rekord tar-rifjut ta' dħul*** ta' ċittadin ta' pajjiż terz eżentat mill-ħtieġa ta' viża, il-proċess awtomatizzat għandu jippermetti lis-Sistema Ċentrali tal-EES dan li ġej: |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (UE) 2017/2226
Artikolu 8a – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) biex taġġorna r-rekord tar-rifjut tad-dħul fl-EES skont il-punt b tal-Artikolu 18(1) ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (UE) 2017/2226
Artikolu 8b – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Mill-bidu tal-operat tal-ETIAS, kif previst fl-Artikolu 88(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tal-EES għandha tiġi marbuta ***mal-istrument imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1240*** biex tippermetti l-ipproċessar awtomatizzat imsemmi f'dak l-Artikolu. | 1. Mill-bidu tal-operat tal-ETIAS, kif previst fl-Artikolu 88(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tal-EES għandha tiġi marbuta ***mal-ESP*** biex tippermetti l-ipproċessar awtomatizzat imsemmi f'dak l-Artikolu. |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (UE) 2017/2226
Artikolu 8b – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Għall-fini tal-proċediment għall-verifiki msemmija fil-punti (g) u (h) tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tuża ***l-għodda msemmija fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament*** biex tqabbel id-data fl-ETIAS mad-data fl-EES, skont l-Artikolu 11(8) ta' dan ir-Regolament, bl-użu tal-korrispondenzi elenkati fit-tabella ***fl-anness*** III. | Għall-fini tal-proċediment għall-verifiki msemmija fil-punti (g) u (h) tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tuża ***l-ESP*** biex tqabbel id-data fl-ETIAS mad-data fl-EES, skont l-Artikolu 11(8) ta' dak ir-Regolament, bl-użu tal-korrispondenzi elenkati fit-tabella ***fl-Anness*** III. |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament (UE) 2017/2226
Artikolu 25a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS, stabbilita fi ħdan l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/1240, għandu jkollha, għall-fini tat-twettiq tal-kompiti tagħha mogħtija lilha mir-Regolament (UE) 2018/1240, id-dritt għall-aċċess u tfittix tad-data fl-EES ***f'format li jinqara biss u*** skont l-Artikolu 11(8) ta' dan ir-Regolament. | 1. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS, stabbilita fi ħdan l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/1240, għandu jkollha, għall-fini tat-twettiq tal-kompiti tagħha mogħtija lilha mir-Regolament (UE) 2018/1240, id-dritt għall-aċċess u tfittix tad-data fl-EES skont l-Artikolu 11(8) ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament (UE) 2017/2226
Artikolu 25a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta verifika mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS tikkonferma l-korrispondenza bejn id-data rreġistrata fil-fajl ta' applikazzjoni tal-ETIAS u d-data fl-EES jew meta jibqgħu dubji, tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2018/1240. | 2. Meta verifika mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS***, skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2018/1240,*** tikkonferma l-korrispondenza bejn id-data rreġistrata fil-fajl ta' applikazzjoni tal-ETIAS u d-data fl-EES jew meta jibqgħu dubji, tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2018/1240. |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (UE) 2017/2226
Artikolu 28 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-data aċċessata mill-EES skont l-Artikoli 24, 25, 26 u 27 tista' tinżamm f'fajls nazzjonali u d-data aċċessata mill-EES skont l-Artikolu 25a tista' tinżamm fil-fajls ta' applikazzjoni tal-ETIAS biss meta jkun meħtieġ f'każ individwali, skont l-iskop li għalih ġiet aċċessata u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari dwar il-protezzjoni tad-data, u mhux għal aktar minn dak li hu strettament meħtieġ ***f'dak*** il-każ individwali. | Id-data aċċessata mill-EES skont l-Artikoli 24, 25, 26 u 27 tista' tinżamm f'fajls nazzjonali u d-data aċċessata mill-EES skont l-Artikolu 25a tista' tinżamm fil-fajls ta' applikazzjoni tal-ETIAS biss meta jkun meħtieġ f'każ individwali, skont l-iskop li għalih ġiet aċċessata***,*** u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari dwar il-protezzjoni tad-data, u mhux għal aktar minn dak li hu strettament meħtieġ ***għal*** dak il-każ individwali. |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8**
Regolament (UE) 2019/816
Anness III – Tabella – ringiela 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | |
|---|---|
| Data tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament 2018/1240 mibgħuta mis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS | Data korrispondenti tal-EES tal-Artikolu 17(1) ta' dan ir-Regolament li magħha ***jenħtieġ li*** tiġi vverifikata d-data ***tal-ETIAS*** |

| | Emenda |
|---|---|
| Data tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament 2018/1240 mibgħuta mis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS | Data korrispondenti tal-EES ***tal-punt (a)*** tal-Artikolu 17(1) ta' dan ir-Regolament li magħha ***għandha*** tiġi vverifikata d-data ***fl-ETIAS*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1**
Regolament (UE) 2018/1861
Artikolu 18a – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Żamma ta' reġistri għall-fini tal-interoperabbiltà mal-ETIAS ***skont it-tifsira tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1240*** | Żamma ta' reġistri għall-fini tal-interoperabbiltà mal-ETIAS |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (UE) 2018/1861
Artikolu 34 – paragrafu 1 – punt g

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (***g***) ipproċessar manwali ta' applikazzjonijiet tal-ETIAS mill-Unità Nazzjonali tal-ETIAS, skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2018/1240. | (***h***) ipproċessar manwali ta' applikazzjonijiet tal-ETIAS mill-Unità Nazzjonali tal-ETIAS, skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2018/1240. |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (UE) 2018/1861
Artikolu 36a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS, | 1. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS, |

| | |
|---|---|
| stabbilita fi ħdan l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/1240, għandu jkollha, għall-fini tat-twettiq tal-kompiti tagħha mogħtija lilha mir-Regolament (UE) 2018/1240, id-dritt ta' aċċess u ta' tfittix ta' data rilevanti mdaħħla fis-SIS. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 36(4)-(8) japplikaw għal dan l-aċċess u tfittix. | stabbilita fi ħdan l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/1240, għandu jkollha, għall-fini tat-twettiq tal-kompiti tagħha mogħtija lilha mir-Regolament (UE) 2018/1240, id-dritt ta' aċċess u ta' tfittix ta' data rilevanti mdaħħla fis-SIS ***skont l-Artikolu 11(8) ta' dak ir-Regolament***. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 36(4) ***sa*** (8) japplikaw għal dan l-aċċess u tfittix. |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (UE) 2018/1861
Artikolu 36a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2018/1240, meta verifika mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS tikkonferma l-korrispondenza tad-data rreġistrata fil-fajl ta' applikazzjoni tal-ETIAS ma' allert fis-SIS, tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2018/1240. | 2. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2018/1240, meta verifika mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS***, skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2018/1240,*** tikkonferma l-korrispondenza tad-data rreġistrata fil-fajl ta' applikazzjoni tal-ETIAS ma' allert fis-SIS***, jew meta jibqgħu dubji***, tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2018/1240. |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (UE) 2018/1861
Artikolu 36b – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Mill-bidu tal-operazzjonijiet tal-ETIAS, kif previst fl-Artikolu 88(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tas-SIS għandha tiġi konnessa ***mal-istrument imsemmi fl-Artikolu 11 tar-*** | 1. Mill-bidu tal-operazzjonijiet tal-ETIAS, kif previst fl-Artikolu 88(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tas-SIS għandha tiġi konnessa ***mal-ESP*** biex tippermetti l-ipproċessar |

| | |
|---|---|
| ***Regolament (UE) 2018/1240*** biex tippermetti l-ipproċessar awtomatizzat imsemmi f'dak l-Artikolu. | awtomatizzat imsemmi f'dak l-Artikolu. |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (UE) 2018/1861
Artikolu 36b – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-ipproċessar awtomatiku msemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1240 għandu jippermetti l-verifiki previsti fl-Artikolu 20, il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 24(6), l-Artikolu 41 u l-punt (b) tal-Artikolu 54(1) u l-verifiki sussegwenti previsti fl-Artikoli 22 u 26 ta' dak ir-Regolament.*** |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (UE) 2018/1861
Artikolu 36b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Għall-fini tal-proċediment għall-verifiki tal-Artikolu 20(2)***(c), (m)(ii) u (o)*** tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tuża ***l-istrument, imsemmi fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament***, biex tqabbel id-data msemmija fl-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) 2018/1240, ma' data fis-SIS, f'konformità mal-Artikolu 11(8) ta' dak ir-Regolament. | 2. Għall-fini tal-proċediment għall-verifiki ***tal-punt (c) u l-punt (m)(ii)*** tal-Artikolu 20(2)***, il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 24(6) u l-punt (b) tal-Artikolu 54(1)*** tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tuża ***l-ESP***, biex tqabbel id-data msemmija fl-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) 2018/1240, ma' data fis-SIS, f'konformità mal-Artikolu 11(8) ta' dak ir-Regolament. |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (UE) 2018/1861
Artikolu 36b – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta allert ġdid imsemmi fl-Artikolu 41(3) tar-Regolament (UE) 2018/1240 jiddaħħal fis-SIS, is-Sistema Ċentrali għandha tittrażmetti l-informazzjoni dwar dan l-allert, bl-użu ***ta' ipproċessar*** awtomatizzat u ***l-istrument imsemmi fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament***, lis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS, sabiex ***tivverfika*** jekk dan l-allert il-ġdid jikkorrispondix għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar eżistenti. | Meta allert ġdid imsemmi fl-Artikolu 41(3) tar-Regolament (UE) 2018/1240 jiddaħħal fis-SIS, is-Sistema Ċentrali għandha tittrażmetti l-informazzjoni dwar dan l-allert, bl-użu ***tal-ipproċessar*** awtomatizzat u ***l-ESP***, lis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS, sabiex ***tivverifika*** jekk dan l-allert il-ġdid jikkorrispondix għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar eżistenti. |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 4a*** |
| | ***Emendi għar-Regolament (UE) 2019/817 (Interoperabbiltà fil-qasam tal-fruntieri)*** |
| | ***Fl-Artikolu 72, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***"1a. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għall-finijiet tal-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu 20, l-Artikolu 23, il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 24(6), l-Artikolu 41 u l-punt (b) tal-Artikolu 54(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240, l-ESP għandu jibda jopera, limitat għal dawk il-finijiet, ladarba jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 88 tar-Regolament (UE) 2018/1240.".*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Huwa għandu japplika mid-data ddeterminata f'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 96 tar-Regolament (UE) 2018/1240.*** | ***imħassar*** |

## NOTA SPJEGATTIVA

**Kuntest u kontenut tal-proposta**

Wara l-adozzjoni min-naħa tal-Kunsill u l-Parlament Ewropew, f'Settembru 2018, ta' żewġ atti leġiżlattivi li jistabbilixxu ETIAS - Regolament li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar ("ETIAS")[1] u emenda tar-Regolament dwar il-Europol għall-fini li tiġi stabbilita ETIAS[2] - il-Kummissjoni ppreżentat il-proposti tagħha għall-hekk imsejħa emendi konsegwenzjali tal-ETIAS.

Ir-Regolament dwar l-ETIAS jistipula, fl-Artikolu 11(2) tiegħu li: "L-emendi għall-atti legali li jistabbilixxu s-sistemi ta' informazzjoni tal-UE li huma meħtieġa għall-istabbiliment tal-interoperabbiltà tagħhom mal-ETIAS, kif ukoll iż-żieda ta' dispożizzjonijiet korrispondenti f'dan ir-Regolament, għandhom ikunu s-suġġett ta' strument legali separat". Abbażi ta' dan, fis-7 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni ppreżentat żewġ proposti differenti ta' emendi konsegwenzjali bil-għan li tistabbilixxi l-emendi tekniċi meħtieġa biex tiġi għalkollox stabbilita s-sistema tal-ETIAS billi jiġu emendati l-atti legali tas-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni tal-UE kkonsultati mill-ETIAS, kif ukoll jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet korrispondenti u jiġi emendat ir-Regolament dwar l-ETIAS kif xieraq (2019/0001(COD) u 2019/0002(COD)).

Barra minn hekk, skont il-Komunikazzjoni ta' April 2016 dwar "Sistemi ta' Informazzjoni aktar b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà", l-ETIAS trid tinbena abbażi ta' użu mill-ġdid ta' komponenti tal-hardware u tas-software żviluppati għall-EES. Dan huwa wkoll l-approċċ segwit mill-proposti leġiżlattivi dwar l-interoperabbiltà ta' sistemi ta' informazzjoni. L-iżvilupp tekniku tar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità u tal-portal Ewropew tat-Tfittxija kif previst mill-proposti leġiżlattivi dwar l-interoperabbiltà ta' sistemi ta' informazzjoni jista' jiġi żviluppat fuq il-bażi tal-komponenti tal-EES/ETIAS. Il-proposti, għalhekk, jippreżentaw emendi għar-Regolament dwar l-ETIAS biex jiġi speċifikat li s-Sistema Ċentrali tal-ETIAS tkun tibni fuq il-komponenti tal-hardware u tas-software tas-Sistema Ċentrali tal-EES sabiex jiġi stabbilit repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità għall-ħżin ta' data alfanumerika dwar l-identità kemm tal-applikanti tal-ETIAS kif ukoll taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi rreġistrati fl-EES.

**Proċedura**

Minħabba li l-proposti tal-Kummissjoni ma kinux akkumpanjati minn Valutazzjonijiet tal-Impatt, u sabiex jiġu vvalutati kif xieraq il-proposti u jsiru l-preparamenti għal dan l-abbozz ta' rapport, il-Koordinaturi tal-Gruppi politiċi ħadu d-deċiżjoni li jitolbu Valutazzjoni tal-Impatt sostituttiva mħejjija mis-Servizzi ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS), li ġiet konkluża u ppreżentata lill-Kumitat LIBE f'Diċembru 2019.

Ir-rapporteur jisħaq fuq l-importanza li jsiru Valutazzjonijiet tal-Impatt sabiex jiġu vvalutati

[1] Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

[2] Ir-Regolament (UE) 2018/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 bl-għan li tiġi stabbilita Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)(ĠU L 236, 19.9.2018, p. 72).

bir-reqqa u analizzati b'mod xieraq proposti leġiżlattivi ġodda, u r-rilevanza tagħhom bħala fattur li jikkontribwixxi għall-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet.

Barra minn hekk, biex tiġi kkomplementata l-informazzjoni, intalbu l-opinjonijiet tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, tas-Servizz Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

Il-pożizzjoni tar-rapporteur

Ir-rapporteur jilqa' b'mod ġenerali l-proposti għal Emendi Konsegwenzjali tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar. Madankollu, huwa jqis li hemm lok għal titjib fir-rigward ta' wħud mill-artikoli emendati u b'segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Valutazzjoni tal-Impatt sostituttiva mill-EPRS.

Huwa jappoġġja r-raġunament ġenerali u l-elementi ewlenin tal-proposti tal-Kummissjoni, filwaqt li jirrikonoxxi li l-proposti huma konsegwenza u obbligu legali skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2018/1240 (ir-Regolament dwar l-ETIAS) li ntlaħaq qbil dwaru mill-koleġiżlaturi. Il-verifiki awtomatizzati meħtieġa skont ir-Regolament dwar l-ETIAS jistgħu jitwettqu biss jekk is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS tkun tista' tikkomunika ma' sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE. Il-proposti jistabbilixxu l-elementi tekniċi meħtieġa biex titqabbel id-data personali fl-applikazzjonijiet differenti mad-data preżenti fir-rekords, fil-fajls jew fl-allerti rreġistrati fis-sistemi ta' informazzjoni u fil-bażijiet tad-data tal-UE fid-dawl tal-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni għall-ġestjoni tas-sigurtà, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni.

Minħabba l-fatt li l-proposti tal-Kummissjoni ġew ippreżentati fis-7 ta' Jannar 2019, filwaqt li kienu għadhom għaddejjin in-negozjati interistituzzjonali dwar il-proposti tal-qafas tal-interoperabbiltà u l-proposta dwar l-ECRIS-TCN, kien meħtieġ li l-proposti tal-Kummissjoni jiġu aġġornati f'konformità mal-ftehimiet dwar dawk il-fajls li sadanittant ġew adottati.

F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Valutazzjoni tal-Impatt sostituttiva mħejjija mill-EPRS, sar aktar titjib fil-proċedura ta' mmarkar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li nstabu ħatja ta' reati terroristiċi jew reati kriminali serji. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet rigward il-monitoraġġ u l-istatistika ssaħħu b'tali mod li jiġi żgurat li l-Kummissjoni se jkollha bżonn tevalwa regolarment il-konsultazzjonijiet fis-sistema ECRIS-TCN permezz tas-sistema tal-ETIAS u tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-EDPS. Bħala l-aħħar punt, ir-Rapporteur iqis li d-definizzjoni ta' korrispondenza parzjali bejn ir-rekords tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE permezz ta' att ta' implimentazzjoni mhijiex xierqa. Rigward l-impatt sinifikanti potenzjali fuq id-drittijiet tal-ħajja privata u l-protezzjoni tad-data personali, huwa aktar xieraq li dik issir permezz ta' att delegat sabiex tiġi żgurata sorveljanza xierqa mill-Parlament Ewropew f'konformità ma' dispożizzjonijiet simili li jeżistu fir-Regolamenti Qafas dwar l-Interoperabbiltà.

Fl-aħħar nett, ir-Rapporteur jemmen li hemm valur miżjud fil-konsultazzjoni tas-Sistemi ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) anke għal allerti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn. Il-konsultazzjoni fis-SIS għal dan it-tip ta' allert fi stadju bikri, qabel ma ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta ruħu fil-fruntiera ta' Stat Membru, tkun ta' benefiċċju għall-Istat Membru u għall-istess ċittadin ta' pajjiż terz.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn għall-finijiet tal-ETIAS u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1240, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2018/1861 |
| **Referenzi** | COM(2019)0004 – C8-0024/2019 – 2019/0002(COD) |
| **Data meta ġie kkonsultat il-PE** | 7.1.2019 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | LIBE<br>17.1.2019 |
| **Kumitati mitluba jagħtu opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET TRAN<br>17.1.2019 17.1.2019 |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | AFET TRAN<br>6.11.2019 21.1.2019 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Jeroen Lenaers<br>24.9.2019 |
| **Eżami fil-kumitat** | 10.9.2020 15.10.2020 7.12.2020 |
| **Data tal-adozzjoni** | 7.12.2020 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 55<br>–: 9<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Magdalena Adamowicz, Konstantinos Arvanitis, Malik Azmani, Katarina Barley, Pernando Barrena Arza, Pietro Bartolo, Nicolas Bay, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Ioan-Rareş Bogdan, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Jorge Buxadé Villalba, Damien Carême, Anna Júlia Donáth, Lena Düpont, Cornelia Ernst, Nicolaus Fest, Jean-Paul Garraud, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Lívia Járóka, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Fabienne Keller, Peter Kofod, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Nuno Melo, Roberta Metsola, Nadine Morano, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Nicola Procaccini, Emil Radev, Paulo Rangel, Ralf Seekatz, Michal Šimečka, Birgit Sippel, Martin Sonneborn, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Annalisa Tardino, Tomas Tobé, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Bettina Vollath, Javier Zarzalejos |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Delara Burkhardt, Andor Deli, Leopoldo López Gil, Kostas Papadakis, Anne-Sophie Pelletier, Rob Rooken, Domènec Ruiz Devesa, Hilde Vautmans, Petar Vitanov |
| **Data tat-tressiq** | 11.12.2020 |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| **55** | **+** |
|---|---|
| PPE | Magdalena ADAMOWICZ, Vladimír BILČÍK, Vasile BLAGA, Ioan-Rareş BOGDAN, Andor DELI, Lena DÜPONT, Andrzej HALICKI, Lívia JÁRÓKA, Jeroen LENAERS, Leopoldo LÓPEZ GIL, Nuno MELO, Roberta METSOLA, Nadine MORANO, Emil RADEV, Paulo RANGEL, Ralf SEEKATZ, Tomas TOBÉ, Javier ZARZALEJOS |
| S&D | Katarina BARLEY, Pietro BARTOLO, Delara BURKHARDT, Maria GRAPINI, Sylvie GUILLAUME, Evin INCIR, Marina KALJURAND, Łukasz KOHUT, Juan Fernando LÓPEZ AGUILAR, Javier MORENO SÁNCHEZ, Domènec RUIZ DEVESA, Birgit SIPPEL, Petar VITANOV, Bettina VOLLATH |
| RENEW | Malik AZMANI, Anna Júlia DONÁTH, Sophia in 't VELD, Fabienne KELLER, Moritz KÖRNER, Maite PAGAZAURTUNDÚA, Michal ŠIMEČKA, Ramona STRUGARIU, Hilde VAUTMANS |
| ID | Nicolas BAY, Nicolaus FEST, Jean-Paul GARRAUD, Peter KOFOD, Annalisa TARDINO, Tom VANDENDRIESSCHE |
| Verts/ALE | Alice KUHNKE |
| ECR | Jorge BUXADÉ VILLALBA, Patryk JAKI, Assita KANKO, Nicola PROCACCINI, Rob ROOKEN |
| NI | Martin SONNEBORN, Milan UHRÍK |
| **9** | **-** |
| Verts/ALE | Patrick BREYER, Saskia BRICMONT, Damien CARÊME, Tineke STRIK |
| EUL/NGL | Konstantinos ARVANITIS, Pernando BARRENA ARZA, Cornelia ERNST, Anne-Sophie PELLETIER |
| NI | Kostas PAPADAKIS |
| **0** | **0** |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni